**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke

## TMINN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 05/2024

**It-Tlieta 26 ta' Marzu, 2024**

Il-Kunsill Lokali Pembroke Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Alamein, Pembroke, fil-17:30 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Dean Hili – Sindku

Désirée Vella Brincat – Kunsillier

Charles Cesare – Kunsillier

Raymond Lanzon – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI**

Omar Elaref Arab – Viċi Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Dean Hili ppresjeda l-laqgħa.

### 5.01 Qari tal-ittri ta' apoloġija.

5.01.1. Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li l-Viċi Sindku Omar Elaref kien assenti peress li ma bagħat ebda talba t'appoloġija.

### 5.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 03/K8/2024.

5.02.1 Is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 03/K8/2024 kif ippreżentati.

5.02.2 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

5.02.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

### 5.03 Komunikazzjoni mis-Sindku.

**46/1412/24/I** Email mingħand l-Enemalta fejn bagħtu site plan ta' fejn ser isir ix-xogħol sabiex jissaħħaħ id-dawl fil-lokal. It-toroq imsemmija huma Triq Dun Amabile Sisner, Triq Gio Felice Inglot u Triq il-Mediterran.

5.03.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1412/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill filwaqt li ma jsibx oġġezzjoni għal tali xogħlijiet, għandu jkompli jitlob l-informazzjoni konkreta dwar ix-xogħol li huwa pjanat li jinbeda nhar it-8 ta' April 2024, minħabba f'xogħol ieħor fl-akwata li qed isir mill-WSC, u dan ħalli ma jkunx hemm xogħol doppju, b'inkonvenjent miżjud lir-residenti.

5.03.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

5.03.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1418/24/I** Email mingħand resident fejn talab isir patching ta' ħofra fi Triq Giorgio Mitrovich.

5.03.4 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1418/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill jara li din il-ħsara tissewwa u minħabba li l-Kunsill bħalissa m'għandux kuntrattur speċifikament għall-patching, għandu jitqabbad il-kuntrattur tal-Kunsill J&K Contractor li huwa kkuntrattat li jagħmel xogħol ieħor ta' manutenzjoni.

5.03.5 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

5.03.6 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1432/24/O**
**46/1613/24/O** Email lill-Membri tal-Kunsill fejn ġew infurmata bl-applikazzjoni PA/01327/24 ta' National Sports School - Removal of existing soft landscaping and proposed construction of sports facilities, changing rooms and substation.

**46/1437/24/I** Email mingħand s-Sindku fejn b'referenza għall-permess PA/01327/24 ta' Skola Sport huwa tal-opinjoni li għandhom jaħsbu għall-parkeġġ addizjonali, kif ukoll jipprovdu assigurazzjoni li l-

faċilitajiet li ser isiru ma jintużawx wara l-ħinijiet tal-iskola u li sa fejn hu possibbli jipprovdu mitigazzjoni għall-ħsejjes li ser jikkawża l-fatt li l-attivita' sportiva ser toqrob aktar lejn ir-residenzi.

5.03.7 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1432/24/O, 46/1437/24/I u 46/1613/24/O** fejn ippropona li prima face l-Kunsill għandu joġġezzjona bil-qawwa kollha għall-iżvilupp propost minħabba l-fatt li: (a) Il-proġett propost ser jiġġenera aktar attivita' fil-post, speċjalment u possibbilment wara l-ħinijiet tal-iskola, (b) Ser ikompli jżid aktar storbju filwaqt li m'hemm xejn ippjanat biex jimmitiga dan l-inkonvenjent għar-residenti tal-viċinanza, li diġa jsofru tali nkonvenjent fil-ħinijiet kollha ta' filgħodu, (ċ) l-iżvilupp ma' jipprovdi ebda żieda ta' parkeġġ, meta l-istess skola diġa qed tiġġenera aktar parkeġġ minn kemm tipprovdi, u għalhekk, anke jekk ma tintlaqax l-oġġezzjoni tal-Kunsill, l-inqas li jista' isir (la darba ser jiġi disturbat is-sit) huwa li jsir parkeġġ addizzjonali taħt l-art. Dan jgħin biex tittaffa parti mill-problema kbira ta' parkeġġ, li diġa hemm u li ser tkompli aggravata b'tali żvilupp kif propost, (d) l-iżvilupp ser inaqqar l-unika partijiet li hemm fil-konfini tal-iskola li huma ta' ħdura, peress li l-iżvilupp qed jipproponi li kull parti issir hard landscaping, bi tnaqqis ta' żoni li jservu ta' barrier minimu għall-istorbju ġġenerat. Fid-dawl ta' dan kollu l-Kunsill ma jħossx li tali żvilupp kif propost huwa aċċettabbli. Il-kelliem ippropona wkoll li jekk ikun hemm bżonn għandha issir laqgħa mal-Ministeru kkonċernat.

5.03.8 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

5.03.9 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1448/24/I** Email mingħand residenta fejn bagħtet kopja tar-rapport li għamlet lill-pulizija kontra residenta oħra tal-istess blokka fejn qed jiġi allegat li fis-sena 2007 kien ġie iffirmat dokument f'isimha li kien sottomess lill-Kunsill.

**46/1451/24/I** Email mingħand is-Sindku fejn b'referenza għar-rapport tal-pulizija tar-residenta, dan il-ftehim għandu jiġi mistħarreġ fid-dawl tar-rapport tal-Pulizija.

**46/1540/24/I** Email mingħand is-Sindku fejn talab biex dan is-suġġett ikun għaqli li jitla' fil-laqgħa tal-Kunsill u jittieħed vot.

5.03.10 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1448/24/I, 46/1451/24/I u 46/1540/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill jinforma liż-żewġ residenti ikkonċernati b'dak li kien sar jaf sa issa l-Kunsill dwar il-każ in kwistjoni. Il-kelliem żied li peress li hemm allegazzjoni serja dwar il-firma ta' waħda mir-residenti, kull ftehim li kien hemm mingħajr ebda pretenzjonijiet fuq iż-żamma u l-manutenzjoni ta' biċċa art, għandu jiġi meqjus mill-ġdid u r-residenti ikkonċernata, jekk jidhrilhom, għandhom japplikaw mill-ġdid.

5.03.11 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

5.03.12 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1541/24/I** Email mingħand il-Kunsillier Ray Lanzon fejn issuġerixxa l'issir l-attivita' ta' Ħamis ix-Xirka u jżuru l-Knejjes u attivitajiet ġewwa Ħaż-Żebbuġ u Ħal-Qormi.

5.03.13 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1541/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill jirratifika l-qbil milħuq f'korrispondenza bejn il-Kunsilliera tant li l-attività ser issir kif pjanat.

5.03.14 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

5.03.15 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1547/24/I** Email mingħand HIIT Fitness fejn qed jagħmel talba lill-Kunsill Lokali biex isiru fitness classes bla ħlas għar-residenti tal-lokal nhar ta' Ħadd filgħodu ġewwa l-binja tagħhom.

5.03.16 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1547/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill filwaqt li jirringrazzja lill-persuni kkonċernati tal-offerta, għandha issir laqgħa magħhom sabiex tiġi diskussa aħjar l-idea.

5.03.17 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

5.03.18 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1591/24/I** Email mingħand Doninu fejn bagħtu aktar informazzjoni dwar ix-xiri ta' tinda.

5.03.19 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1591/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill jingħata dettalji dwar il-fornitur tat-tined in kwistjoni sabiex tinżamm waħda fl-uffiċċju tal-Kunsill a dispożizzjoni ta' persuni li jistgħu jagħmlu użu minnha, ġaladarba jidher li din hija kawża ġusta.

5.03.20 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

5.03.21 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1592/24/I** Email mingħand Kunsill Reġjun Lvant fejn bagħtu l-invoice għall-ġbir ta' skart organiku miċ-ċimiterji.

5.03.22 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1592/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill ma jonorax tali talba għal ħlas ġaladarba ġie pprovat li fil-fatt, hemm ġabra privata li qiegħda tforni lill-istess ċimiterju. Il-kelliem irrimarka li dan is-suġġett tqajjem għad-diskussjoni fl-aħħar laqgħa tar-Reġjun u jidher li r-Reġjun huwa sodisfatt bir-risposta tal-Kunsill.

5.03.23 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

5.03.24 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1596/24/O** Email mingħand is-Sindku fejn bagħat kopja ta' tweġiba li ntbagħtet lill-familja fi Triq Camillo Sciberras dwar il-kaxxa safra li hemm quddiem ir-residenza tagħhom fejn infurmhom li l-Kunsill mhuwiex jaqbel mat-talba li jingħataw aktar żmien biex ifornu r-ritratt.

**46/1665/24/I** Email mingħand ir-residenta konċernata fejn bagħtet ir-ritratti tal-karozza pparkjata fil-car port.

5.03.25 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1596/24/O u 46/1665/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill f'dan l-istadju jżomm lura milli jiżbogħ il-linji ta' quddiem ir-residenza lura bojod b'dan illi r-residenti kkonċernati għandhom jonoraw l-obbligu tagħhom li jagħmlu użu minn dan l-ispazju u mhux iqisu l-kaxxa safra bħala spazju riservat permanenti. Il-Kelliem tenna wkoll li l-familja ikkonċernata għandha tifhem li bħala sidien għandhom biss il-jedd li jitolbu lil ħaddieħor sabiex ineħħi l-vetturi tiegħu biss jekk ikunu ser jidħlu, u/jew joħorġu minn tali spazju.

5.03.26 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

5.03.27 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1619/24/I** Email mingħand il-Maltapost fejn bagħtu kwotazzjoni ta' €165 għal tqassim ta' fuljetti.

5.03.28 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1619/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova din in-nefqa.

5.03.29 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

5.03.30 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1624/24/I** Email mingħand Maltapost fejn talbu biex jiġi identifikat sit sabiex tiġi nstallata Easipik Parcel Locker service basta li s-sit ikun aċċessibbli 24/7 u jkun hemm CCTV camera.

**46/1699/24/I** Email mingħand is-Sindku fejn minnaħa tiegħu ppropona li Parcel Locker tista' ssir fil-parkeġġ tal-Kunsill.

5.03.31 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1624/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill jinforma lill-Maltapost li l-post offrut lilhom ormai xhur ilu, huwa miftuħ għall-pubbliku bir-riġel 24/7 u mgħasses bis-CCTV, għalhekk is-sit huwa idoneju għall-provvista ta' tali servizz.

5.03.32 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

5.03.33 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li ż-żona proposta m'hijiex koperta bic-cctv, u la llum il-ġurnata, l-aċċess għall-parkeġġ huwa ristett, idejalment għandu jinstab post alternattiv. Wara kollox din hija kumpanija privata u qed titħallas għas-servizz li qed tipprovdi. Il-kelliem żied li l-Kunsill għandu jara li tali kumpanija, dejjem jekk il-Kunsill ser jagħti l-kunsens tiegħu, b'li ser jagħmlu ma jrabbu ebda ġust jew pussess.

5.03.34 Il-Kunsill qabel unanimament fuq il-proposta tas-Sindku.

**46/1627/24/I** Kwotazzjoni mingħand Zarb coaches għal coach 50 seater għall-attivita' ta' Ħamis ix-Xirka għall-prezz ta' €120 eskluż il-VAT.

**46/1628/24/I** Kwotazzjoni mingħand Koptaco għal coach 53 seater għall-attivita' ta' Ħamis ix-Xirka għall-prezz ta' €334.53 inkluż il-VAT.

**46/1629/24/I** Email mingħand Paramount coaches fejn informaw lill-Kunsill li m'humiex disponibbli fid-data ndikata.

**46/1670/24/I** Kwotazzjoni mingħand Supreme Travel għal coach 50 seater għall-attivita' ta' Ħamis ix-Xirka għall-prezz ta' €175 inkluż il-VAT.

5.03.35 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1627/24/I, 46/1628/24/I, 46/1629/24/I u 46/1670/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova l-orħos offerta.

5.03.36 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

5.03.37 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1643/24/O** Email lill-Kunsill Reġjun Lvant fejn b'referenza għall-art mural initiative tlabna jinkludi email tal-Kunsill fil-komunikazzjoni.

**46/1667/24/I** Email mingħand James Micallef Grimaud fejn b'referenza għall-art mural initiative talab laqgħa mal-Kunsill.

5.03.38 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1643/24/O u 46/1667/24/I** fejn informa lill-Kunsill li kien iltaqa' mal-artist u r-rappreżentanti tar-Reġjun li flimkien magħhom żar il-ħitan fi Triq Camillo Sceberras u fi Triq Walter Ganado. L-idea diskussa magħhom kienet li

għandu jintagħżel sit li kemm jista` jkun jitgawda mill-pubbliku, b'mod speċjali minn dawk li jgħaddu bil-pass minn dawn l-inħawi. Il-kelliem tenna li qiegħdin nistennew proposta dwar it-triq il-quddiem minnaħa tal-artist, u għalhekk ippropona li l-Kunsill jaqbel fil-prinċipju.

5.03.39 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

5.03.40 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1666/24/I** Email mingħand il-kap tal-iskola Primarja fejn talbet jitwaħħlu aktar bins fejn l-iskola u li żewġ parkeġġi quddiem l-entratura tal-iskola jitħallew vojta fil-ħin ta' dħul u ħruġ mill-iskola.

**46/1871/24/I** Email mingħand is-Sindku fejn irrimarka li fl-opinjoni tiegħu l-Kunsill m'għandux ikompli jillimita l-parkeġġ fit-triq li qed issir kuljum aktar traffikuża u dwar il-bins hemm ippjanati mill-ġodda.

5.03.41 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1666/24/I u 46/1871/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill ma jarax il-bżonn li jsiru kaxxi sofor minħabba l-problema ta' parkeġġ li diġa hemm fl-imsemmija triq, filwaqt li rigward il-bin, dan jista' jiġi kkunsidrat sakemm ma jkunx propost fil-parti ta' quddiem l-iskola, u għalhekk lest jisma s-suġġerimenti tal-iskola dwar fejn għandu jsir.

5.03.42 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

5.03.43 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1767/24/I** Email mingħand l-Awtorita' tad-Djar fejn b'referenza għall-iskema 2 Manutenzjoni tal-Komun fil-binjiet tal-Gvern 2023 informat lill-Kunsill li rċievew talba minn resident ta' Blk 3 flats 7 – 8, Triq Bice Mizzi li hemm bżonn li jirranġaw il-komun tal-blokka tagħhom u talbu konferma jekk iż-żewġ blokok indikata (Blk 4 Triq Sir Luigi Preziosi u Blk 1 Triq San Patrizju) kienux ġewx mitkellma minn naħa tal-Kunsill sabiex jimlew il-formola u jekk mhux interessata tidħol il-blokka l-ġdida.

5.03.44 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1767/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill jerġa' jinforma lill-Awtorita' tad-Djar li meta kienet saret konsultazzjoni mal-blokki ndikata, ħadd minnhom ma wera l-interess u għalhekk qed japprova li minflok jiddaħħal Blk 3 il-parti ta' Flat 7 u 8. Il-kelliem ippropona wkoll li dwar ħlasijiet, il-Kunsill jaqbel li l-amministratur jirranġa direttament huwa mal-kuntrattur li ser jagħżel.

5.03.45 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

5.03.46 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1770/24/I** Email mingħand TM fejn b'referenza għall-parkeġġ riservat fi Triq Patri Indri Vella nformat lill-Kunsill li quddiem il-gate tiegħu ma toqgħodx u bagħtet ir-rapport tal-field officer u talbu l-kummenti tal-Kunsill.

5.03.47 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1770/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill jitlob laqgħa ma' min qed jagħmel ir-rapport għan-nom ta' TM.

5.03.48 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

5.03.49 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1795/24/I** Email mingħand is-Sindku fejn bagħat is-siteplan u l-kuntratt tal-art ta' Pembroke Athleta kif mibgħutin mill-Lands.

5.03.50 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1795/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill jieħu nota tal-fatt li s-sit fejn il-Kunsill irid jimplimenta double yellow line mhuwiex fil-konfini tas-sit mgħoddi lil Pembroke Athleta FC u għalhekk għal kull buon fini għandu jitqies bħala spazju pubbliku. Il-kelliem fakkar li dawn il-linji qiegħdin jiġu mplimentati peress li residenti fil-blokki residenzjali fi Triq Pietru D'Armenia spiss qiegħdin jiġu mċaħħda mill-passaġġ li hemm wara l-blokka minħabba ipparkjar ta' vetturi bl-addoċċ. Il-kelliem żied li peress li l-ewwel tentattiv falla, ippropona li l-kuntrattur għandu jkun assistit mill-Pulizija, kif ukoll li Pembroke Athleta FC għandhom jiġu nformati b'dan minn qabel sabiex fejn huwa possibbli jiġi evitat konfront inutli. Inkluż ma' dan, il-kelliem ippropona li l-Kunsill jinforma lill-Awtorita' tal-Artijiet bil-permess maħruġ lil Pembroke Athleta u naħsbu li dan jesporġi fuq art pubblika li ser ikun qed jostakola triq pubblika.

5.03.51 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

5.03.52 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1802/24/I** Email mingħand CE Installations fejn talbu l-permess tal-Kunsill biex issir boarding bay fit-Triq Dun Gużepp Farrugia.

**46/1818/24/I** Email mingħand is-Sindku fejn informa l-Kunsill li għandha ssir l-applikazzjoni neċessarja skond il-permess.

5.03.53 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1802/24/I u 46/18/18/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill immexxi bl-applikazzjoni kif mitlub minn TM.

5.03.54 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

5.03.55 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1803/24/I** Email mingħand TM fejn talab biex issir laqgħa mal-Kunsill dwar il-proġett ta' charging spot għall-karozzi ta' linja fil-Park & Ride.

5.03.56 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1803/24/I** fejn informa lill-Kunsill li din il-laqgħa fil-fatt saret. Il-kelliem irrimarka li l-MPT qiegħda tipproġetta li torganizza l-Pembroke P&R aħjar billi tiżviluppah f'charging site għal numru ta' vetturi elettriċi li għandha, kif ukoll li jiġi landscaped, u għalhekk viżwalment jingħata dehra aktar attraenti. Il-kelliem żied li dan għandu jnaqqas mill-abbuż fl-akwata u jagħti dehra aħjar tas-sit b'mod ġenerali.

5.03.57 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li dak li qed jiġi propost jinkludi ukoll il-fatt li l-aċċess għall-post ser ikun ristrett u ikkontrollat. Dan jaf iwassal għall-problema ta' parkeġġ la darba jibdew joperaw il-faċilitajiet li ser ikun hemm fil-bini tal-ex Raffles – Pjazza 1902, meta jkun hemm attivitajiet il-Luxol Sports Club, eċċ. Ovjament ukoll, meta l-Kunsill ser ikun qed iressaq it-talba biex terġa' tiġi rikonsidrata l-iskema ta' residential parking fl-akwata ta' Triq Falaise, il-kunċett li hemm spazju kbir fil-Pembroke P&R, taf ma tkunx għadha disponibbli u għalhekk timpatta negattiv fuq il-proposta li ser jagħmel il-Kunsill għan-nom tar-residenti konċernata.

**46/1833/24/I** Email mingħand Rosette Cardona fejn informat lill-Kunsill li mhux ser testendi l-kuntratt tal-Junior Science Club Animator.

5.03.58 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1833/24/I** fejn ippropona li jekk iċ-Ċentru tax-Xjenza jerġa' juri x-xewqa li jsir dan il-kors, il-Kunsill għandu jippubblika s-sejħa għall-offerti.

5.03.59 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

5.03.60 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1836/24/I** Email mingħand resident minn Blokk 14B fejn informa l-Kunsill li ma jaqbilx li jsiru lampi mal-faċċata tal-blokka tal-appartament tiegħu.

**46/1929/24/I** Email mingħand resident minn Blokk 5B fejn informa l-Kunsill li ma jaqbilx li jsiru lampi mal-faċċata tal-blokka tal-appartament tiegħu.

**46/1958/24/I** Email mingħand resident minn Blokk 5B fejn informa l-Kunsill li ma jaqbilx li jsiru lampi mal-faċċata tal-blokka tal-appartament tiegħu.

5.03.61 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1836/24/I, 46/1929/24/I u 46/1958/24/I** fejn irrakkomanda li diskussjoni għandha issir separatament.

**46/1837/24/I** Email mingħand Pembroke Athleta Athletics Triathlon fejn bagħat ir-risk assessment u l-insurance draft policy għall-attivita' tal-ġiri li ser issir il-Ħadd 14 ta' April 2024.

5.03.62 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1837/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill joħroġ l-awtorizzazzjoni tiegħu appena jkollu f'idejh id-dokumenti kollha meħtieġa.

5.03.63 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

5.03.64 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1858/24/I** Email mingħand TM fejn b'referenza għall-għeluq ta' Triq Alamein bejn is-27 ta' Marzu u l-5 ta' April talbu jsiru diversions neċessarja.

5.03.65 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1858/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill jikkollabora kif hemm bżonn f'dan il-koordinament bil-ħsieb li x-xogħol jiġi konkluż f'dawn il-jiem ta' vaganzi mill-iskejjel.

5.03.66 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

5.03.67 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1859/24/I** Email mingħand ir-residenti ta' Blk 11B Triq Pietro Rossell fejn reġgħu kitbu lill-Awtorita' ta' Djar b'kopja l-Kunsill minħabba li għadhom bla tweġiba għall-problema t'infiltrazzjoni t'ilma tax-xita fil-garaxxijiet.

**46/1901/24/I** Email mingħand l-Awtorita' tad-Djar fejn b'referenza għall-email ta' residenti ta' Blk 11B Triq Pietro Rossell informawhom li minnaħa tal-Awtorita' infurmaw lir-residenti li l-binja ġiet mibjgħuha u ma għadiex taħt ir-responsabilita' tagħhom.

5.03.68 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1859/24/I u 46/1901/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill mill-ġdid jikteb lill-Awtorita` u jfakkar fl-emails tagħha stess li fiha obbligaw ruħhom li jagħmlu x-xogħol wara li jsiru r-rapporti mill-periti tal-Kunsill tant li x-xogħol fuq tali rapport beda. In oltre, l-Kunsill għandu jinforma lill-Perit il-ġdid b'din il-kwistjoni sabiex ikompli x-xogħol fejn laħaq waqaf.

5.03.69 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

5.03.70 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1862/24/I** Email mingħand il-librar fejn talab laqgħa mal-Kunsill Lokali biex jaġġorna x'sar fil-librerija, kif ukoll informa l-Kunsill li jixtieq jorganizza attivita' għat-tfal il-Ħamis 16 ta' Mejju 2024 fejn jiġi mistieden l-awtur Karl Schembri jaqra mill-ktieb 'Miskit' u staqsa l-Kunsill jaċċettax l'issir din l-attivita'.

5.03.71 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1862/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova l'issir din l-attivita'.

5.03.72 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

5.03.73 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1887/24/I** Kwotazzjoni mingħand IBIS sabiex tinbidel camera ta' barra għall-prezz ta' €165.20 + VAT.

5.03.74 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1887/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova din in-nefqa sakemm ma jinstabx bħalhom anke second hand u li jkunu bi prezz aktar raġonevoli.

5.03.75 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

5.03.76 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1856/24/I** Email mingħand l-avukat tal-Kunsill fejn bagħtet il-parir tagħha dwar id-dokument li kien bagħat il-Kunsill biex jeżonara ruħu minn kull responsabbiltà f'każ li jinqala xi ħaġa waqt xi attivita' li tkun organizzata minn terzi fil-lokal.

5.03.77 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1856/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill jieħu s-suġġerimenti on board, kif diġa qiegħed jagħmel, billi jassigura li kwalunkwe attività' tkun koperta bid-dokumenti u ċertifikazzjoni dwar sigurtà li tkun meħtieġa.

5.03.78 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

5.03.79 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1663/24/O** Claim għal rimburzar ta' €550 mingħand persuna għall-ħsara li soffra fil-vettura tiegħu fit-triq li tinżel għall-grawnd ta' Pembroke Athleta.

5.03.80 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1663/24/O** fejn ippropona li l-Kunsill ma jaċċettax din it-talba minħabba nuqqas ta' dokumentazzjoni u ineżattezzi.

5.03.81 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

5.03.82 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1910/24/I** Email mingħand resident li joqgħod 58, Triq Patri Indri Vella fejn talab biex tinbidel il-bankina quddiem ir-residenza.

5.03.83 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1910/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill jilqa` din it-talba u jagħmel ix-xogħlijiet meħtieġa.

5.03.84 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

5.03.85 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1919/24/I** Email mingħand hawker ta' gabbana fejn għamel talba mal-Kunsill biex ipoġġi gabbana bil-permessi ħdejn il-Maypole.

5.03.86 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1919/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill jiċħad din it-talba abbażi il-post mhux propizju, il-

Kunsill ma jaqbilx li jkun hemm kiosks viċin l-abitat, u l-art mhux tal-Kunsill, u għalhekk no fixed posts għandhom ikunu ikkunsidrata.

5.03.87 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat u żiedet li l-Kunsill għandu jistaqsi lill-Pulizija jekk dawn it-tip ta' hawkers inkluż bħal tal-ħaxix jistgħux jibqgħu disentu fuq il-post.

5.03.88 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1926/24/I** Email mingħand residenta minn Triq Pietru D'Armenia fejn bagħtet ilment rigward it-tħaffir li qed isir fil-ħamrija bil-konsegwenza li l-karozzi mtlew kollha, kif ukoll staqsiet jekk hux possibbli li l-biċċa art li hemm wara Blk A11 fejn qed jipparkjaw bħalissa jistax il-Kunsill jagħtiha tarmak.

5.03.89 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1926/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill jara x'jista' jagħmel biex il-wiċċ taż-żona li kienet tennis court bejn Sit A1-A4 u A5-A11, jitnaddaf u forsi jsir aktar aċċessibbli.

5.03.90 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

5.03.91 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1932/24/I** Email mingħand Project Green fejn ikkonfermaw mal-Kunsill li ser jużaw il-bankijiet li għandu l-Kunsill fejn ovvjament ser issirilhom il-manutenzjoni meħtieġa.

5.03.92 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1932/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill jagħmel a-dispożizzjoni ta' Project Green il-bankijiet u r-railing li kienu nqalgħu minn Ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta.

5.03.93 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

5.03.94 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1933/24/I** Email mingħand Ms. Njoku fejn talbet laqgħa mas-Sindku bħala parteċipanta ta' Ms. Universe li ser tkun qed tirrapreżenta il-lokal ta' Pembroke.

5.03.95 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1933/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill jagħmel din il-laqgħa.

5.03.96 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

5.03.97 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1935/24/I** Email mingħand resident minn Triq Pietro Rossell fejn qed jissuġġerixxu li jsiru 2 speed bumps viċin ir-roundabout.

5.03.98 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1935/24/I** fejn informa lill-Kunsill li ser ikun qed jikkomunika mal-persuna konċernata sabiex jara jekk huwiex possibbli li tinkiseb aktar informazzjoni, u dan fid-dawl li kull fejn kien hemm talbiet simili, dejjem kien hemm reżistenza mir-residenti.

5.03.99 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

5.03.100 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1951/24/I** Email mingħand Velocity Racing fejn talbu laqgħa mal-Kunsill dwar attivita' ta' motorsport fejn għandhom bżonn art ta' madwar 3,000sqm jew aktar għal perjodu ta' xahrejn jew tlieta.

5.03.101 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1951/24/I** fejn ippropona li dawn għandhom jiġu nfurmata li dan l-ispazju m'huwiex disponibbli fil-lokal.

5.03.102 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

5.03.103 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2002/24/I** Email mingħand il-Perit Dieter Falzon fejn bagħat ir-rapport bil-parir tekniku tiegħu dwar il-każ ta' rampa f'Misraħ il-Forti.

5.03.104 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2002/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill jibgħat kopja tar-rapport kemm lir-residenta li għamlet it-talba kif ukoll lill-KNPD. Il-kelliem ippropona wkoll li jekk il-proposta tiġi aċċettata mir-resident, il-Kunsill iwettaq ix-xogħol skond ir-rakkomandazzjonijiet tal-Perit.

5.03.105 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

5.03.106 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2003/24/I** Email mingħand il-Perit Dieter Falzon fejn bagħat kwotazzjoni ta' €390 eskluż il-VAT biex isir survey ta' tender għar-renovations of public convenience fil-ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta.

5.03.107 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2003/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova din in-nefqa.

5.03.108 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

5.03.109 Il-Kunsill qabel unanimament.

5.03.110 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg għamel referenza għax-xogħol li tlesta fi Triq G Henin fejn irrakkomanda li fil-fetħa li tħalliet jiġu nstallata 2 bollards li jkunu jistgħu jitneħħew jew jitbaxxew skond il-ħtieġa. Il-kelliem ippreżenta ukoll pjanta ta' fejn huwa ippjanat li jiġu nstallata 65 mis-70 litter bins ġdid li ordna l-Kunsill. **(Ara Dok. 1)**

5.03.111 Is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill japprova s-suġġeriment dwar il-bollards kif ukoll il-lokazzjoni tal-bins kif indikata fuq il-pjanta ppreżentata.

5.03.112 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

5.03.113 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 5.04 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

5.04.1 Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet, is-Sindku Dean Hili għadda għall-item li kien imiss.

## 5.05 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet.

5.05.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ippreżenta lill-Kunsill:

- **Internal Memo 03/2024** - Lista ta' works orders maħruġa bejn laqgħa referenza 03/K8/24 u 05/K8/24 **(Ara Dok. 2)**

5.05.2 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-**Internal Memo 03/2024** dwar works orders maħruġa bejn laqgħa u oħra, fejn ippropona r-ratifikazzjoni tagħhom, liema works orders inħarġu skond l-esiġenzi li kellu l-Kunsill.

5.05.3 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

5.05.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 5.06 Jum il-lokalita' 2024.

5.06.1 Is-Sindku Dean Hili ippropona li dan jiġi diskuss darb'oħra.

5.06.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

5.06.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 5.07 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.

5.07.1 Is-Sindku Dean Hili ppreżenta l-iskeda tad-dħul u ħruġ. **(Ara Dok. 3, 4 u 5)**

5.07.2 Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ippreżentati, is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif irrakkomandat, minbarra l-kont tal-Yama Yami għax-xahar ta' Ġunju 2023 peress li s-superviżjoni mhux issir kif mistenni nkluż li ritratti mitluba tax-xogħlijiet li saru fix-xahar indikat, għadhom ma waslux, magħhom jiżdiedu ukoll, il-kont ta' Paul Magri minħabba kontestazzjoni li qed jagħmel il-Kunsill, Animal Health & Welfare Department, Rosette Cardona u tal-ġbir tal-iskart miċ-ċimiterji.

5.07.3 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

5.07.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 5.08 Mozzjonijiet.

5.08.1 Is-Sindku Dean Hili informa lill-Kunsill li ma kienu daħlu ebda mozzjonijiet u għalhekk għadda għall-item li kien imiss.

## 5.09 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

5.09.1 Is-Sindku Dean Hili għalaq il-laqgħa fis-19:10pm wara li unanimament kien hemm qbil li l-laqgħa tiġi aġġornata għal nhar il-Erbgħa 24 ta' April 2024 fil-5:00pm.

**Konfermati, illum 24 ta' April, 2024**

**IFFIRMAT**

Avv. Dean Hili
**Sindku**

**IFFIRMAT**

Kevin Borg
**Segretarju Eżekuttiv**


65 Bins
Ordered 40
BAHAR MEDITERRAN
MADLENA TOWER
NORTH
TRIQ IL-MEDITERRAN
TRIQ PATRI INDRI VELLA
TRIQ LUIGI BILLION
TRIQ NAPULJUN TAGLIAFERRO
TRIQ PATRI ATANNA BARTHET
TRIQ GIORGIO MITROVICH
TRIQ ALAMEIN
TRIQ ANZIO
TRIQ TUNIS
TRIQ MANDALAY
TRIQ SUFFOLK
TRIQ SANT ANDREW
TRIQ PATRI SERAFIN ZARB
EX PARADE GROUND
TRIQ GIOACCHINO LE BRUN
TRIQ CAMILLO SCEBBERAS
TRIQ IL-KURUNELL LORENZO MANCHE
TRIQ GIO. FELICE INGLOTT
TRIQ A.N.Z.A.C.
TRIQ BURMA
IL-BAJJA TA SAN GORG
WESGHET LEWIS V. FARRUGIA
WESGHET GEORGE PORTANIER
TRIQ IL-PROFS. WALTER GANADO
TRIQ PIETRU D'ARMENIA
TRIQ PIETRO ROSSEL
LEGEND
1. TRIQ MADRE MARGHERITA DEBRINCAT
2. TRIQ ADELAIDE ONI
3. TRIQ IGNAZIO GAVINO BONAVITA
4. TRIQ MONS. LUIGI FARRUGIA
5. TRIQ GIUSEPPE MALFEGGIANI
6. TRIQ IL-PROFS. JOS.E.DEBONO
7. TRIQ LUIGI ROSATO
LOCAL COUNCIL BOUNDARY
LOCAL COUNCIL OFFICE
BDA PLOTS
HOS PLOTS
HOUSING
SCHOOLS
SPORTS CLUBS
BUSINESS
HOLIDAY APARTMENTS
REVERSE OSMOSIS PLANT
PEMBROKE CLOCK TOWER
SANDHURST CLOCK TOWER
CIVIL WATER RESERVOIRS
RECREATIONAL FACILITIES (PROPOSED)
SPORTS / RECREATIONAL FACILITIES (PROPOSED)
CIVIC CENTRE (PROPOSED)
GARDENS / GREEN AREAS (PROPOSED)
CEMETRY
FOOTH PATH
HOUSING EXTENSION
AFM BARRACKS
POLICE COMPOUND
PEMBROKE BATTERY
WATER COURSE
LIMIT TO DEVELOPMENT
TB - TELEPHONE BOOTH
PB - POST BOX
ENEMALTA SUB - STATION
PEMBROKE
KUNSILL LOKALI PEMBROKE
Triq Alamein,
Pembroke STJ 07.
Tel : 372111
Fax : 372555
DRAWING
SITE PLAN
DRAWING NO
A01
DRAWN
RAY PACE
DATE
JUNE '94
SCALE
1:2500

Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 8

**Internal Memo Referenza 03/2024** **26 ta' Marzu 2024**

# Lista ta' works orders li jinħtieġ li jiġu ratifikata bejn il-Laqgħa 03/K8/24 u 05/K8/24

| Referenza | | Kuntrattur | Xogħol ordnat |
|---|---|---|---|
| 39 | 2024 | Mica Med | Tlabna biex tiġi rranġata lampa W144 Triq Misraħ il-Forti mitfija |
| 42 | 2024 | B. Grima and Sons | Tlabna jidrita mera fi Triq Alamein fejn il-BIS u tiġi rranġata tabella fi Triq Dun A. Sisner |
| 43 | 2024 | LESA | Servizz ta' 5 gwardjani lokali għall-attivita' tal-ġiri fl-14 ta' April 2024. |
| 44 | 2024 | LESA | Servizz ta' gwardjan lokali għall-attivita' ta' Science Safari Sibt 16 ta' Marzu 2024. |
| 46 | 2024 | IBIS Group | Tlabna jiġu rranġata CCTV cameras madwar l-uffiċini tal-Kunsill. |
| 50 | 2024 | Zarb Coaches | Tlabna servizz ta' coach 50 seater għall-attivita' Hamis ix-Xirka. |
| 52 | 2024 | DOI | Avviz fil-Gazzetta tal-Gvern re l-attivita' tal-giri. |
| 53 | 2024 | Global Tech | Tlabna isir IP address fuq EPIC modem fil-Gnien Madre Teresa ta' Kalkutta. |
| 54 | 2024 | Mica Med | Lampa W029 Triq L-Isqof Angelo Portelli mhux tixgħal |
| 55 | 2024 | J&K Contractors | Tlabna jsir patching fi Triq Giorgio Mitrovich quddiem Dar 2 u Triq Mons L. Mifsud Tommasi quddiem dar 359. |
| 56 | 2024 | Mica Med | Lampa Y098 Triq il-Kurunell Cocks l-arma ta' l-arblu mdawra |

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**